**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Kumpilazzjoni Nru. 351/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**-vs-**
**Stuart Piscopo**

**Illum, 26 ta' Marzu, 2021**

Il-Qorti,
Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Stuart Piscopo detentur tal-Karta tal-Identita' numru 385190(M);

Akkuzat, talli nhar l-14 ta' Marzu, 2018 ghall-habta tas-19:52hrs u fil-hinijiet ta' wara waqt li kien gewwa 3, Fl 3, Triq il-Macina, l-Isla:

1. Xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Malli sar jaf li xi haga fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf hekk, u dan bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Zamm kelb li ghandu aktar minn sitt xhur minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Gieghel annimal isofri tbatija u dwejjaq bla bzonn, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 Sezzjoni 1;
5. Abbanduna kelb u gieghlu jsofri disprament kif ukoll meta kellu fil-kustodja tieghu l-imsemmi kelb naqas li jiehu hsieb il-kura u s-sahha tal-imsemmi kelb, u dan bi ksur ta' Regolament 8, Sezzjoni 2 u 3 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilement mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Eman Hayman, qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 25 ta' Ottubru 2018 quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', okkorrenza mmarkata bhala Dokument IG1, certifikat minghand veterinarju mmarkat bhala Dokument SP1 u rapport u ritratt immarkati bhala Dokument SP1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil PS 583 Ivan Grech, Francis Mifsud, Brian Saliba, Marisa Portelli, Stuart Piscopo, Rodricka Cini

**PS 583 Ivan Grech**, fl-affidavit, jghid li nhar l-14 ta' Marzu 2018 ghall-habta tal-2225hrs gew jirrapurtaw Brian Saliba, Frans Mifsud U Marisa Portelli bhala ufficjali tal-'Animal Welfare' gewwa l-Ghassa ta' Bormla wara li rcevew rapport flaz rigward mohqrija tal-annimali gewwa 3 Fl 3, Triq il-Macina, l-Isla. Huwa jispjega li wara li l-ufficjali marru fil-post tal-incident sabu lil Rita Amos u li rrizulta li l-kelb ma kien gidem lil hadd, pero' l-incident kien gara ftit tal-jiem qabel. Grech jispjega kif l-ufficjali sabu l-kelb tar-razza 'pitbull' marbut ma' bieb b'katina qasira, b'widnejh maqtugha li wara li kkalmawh haduh bl-ambulanza. Huwa jkompli jghid li fuq il-post instabu kelb iehor li kien f'kundizzjoni tajba u kelba zghira marbuta b'habel qasir, minghar ikel u xorb u b'widejnha t-tnejn u denba maqtughin. Amos spjegat lill ufficjali li l-kelb tal-Pitbul kienet sabitu xi 5 t'ijiem qabel ix-xatt ta' Bormla, pero' binha Stuart qal li kien sabu madwar xahar ilu go sqaq fil-limiti ta' Haz-Zabbar, li hadd ma kelmu lura wara li tefa' 'post' fuq 'Facebook' u li ma kienx irraporta lill-pulizija. Grech kompli jghid li Stuart kien stqarr li l-kelba z-zghira kienet twieldet b'denba b'dak il-mod u pprezenta karti dwar dan lill-'Animal Welfare'.

Fix-xhieda tieghu, **PS 583 Ivan Grech**, rega' stqarr li kiteb fl-affidavit. Huwa kkonferma li r-rapport li esebixxa hu, mmarkat bhala Dok IG 1, kien jirrigwarda rapport falz u zamma u mohqrija tal-annimali. Meta mistoqsi minn Dr Cachia, huwa kkonferma li l-Pulizija ma kinux marru fuq il-post izda qaghdu fuq dak lil sabu u qalulhom tal-'Animal Welfare'.

**Francis Mifsud,** jghid li huwa kien jahdem bhala Officer mal-'Animal Welfare' sa' Awwissu 2018 u li dakinhar tar-rapport f'Marzu tal-2018, l-ewwel kienu marru shabu fuq il-post tal-incident umbaghad peress li kien l-ufficju ghajtulu sabiex imur jassistihom. Huwa stqarr li fil-post sabu kelb aggressiv marbut mal-bieb ta' barra tad-dar ta' omm Stuart. Huwa kompla jghid li l-kelb kien aggressiv minhabba l-fatt li kien marbut mal-bieb bil-katina qasira, u "b'hekk il-kelb kien qisu ndannat". Mifsud jghid li omm Stuart bdiet tibza tidhol u biex harguh kellhom juzaw il-'catcher'. Meta mistoqsi mill-prosekuzzjoni rigward ir-rapport li ghamlu l-Ghassa huwa spjega li huma kienu qalulhom li l-kelb kienu sabuh, meta fil-fatt il-kelb ma kienux sabuh imma kien ilu ghandhom. Meta mistoqsi minn Dr Cachia rigward xoghlu, Mifsud spjega li huwa kien imur jaqbad l-annimali bl-ambulanza. Huwa ikkonferma li l-kelb l-iehor kien ikkurat sew. Meta mistoqsi rigward x'ghamlu bil-kelb, Mifsud qal li huma hallewh minn gol-kantina, nizzluh isfel, haduh l-ghass umbaghad hadu t-tifel lura.

**Brian Saliba,** bhala 'Animal Welfare Officer' jghid li fis-sena 2018 kellhom rapport minghand Rita Amos li kien instab kelb ftit jiem qabel u kien gidem lil habiba taghha. Saliba jghid li meta waslu fuq il-post, Rita ma riditx titla fuq, u meta telghu sabu kelb aggressiv tar-razza 'pitbull' maqful b'cinga qasira. Saliba kompla jghid li wara li gabu l-ghajnuna ta' iktar ufficjali mil-'Animal Welfare' irnexxilhom jaqbduh u sabu wkoll li ma kellux cippa. Huwa kompla jghid li kienu nfurmaw lil Rita li kellha iccempel lil Animal Welfare meta sabitu. Barra minn dan il-kelb, sabu kelb zghir iccipjat u kelb iehor mhux iccipjat tar-razza 'pitbull' b'widnejh u denbu maqtughin, bla ikel, bla ilma, kaxxa zghira fejn joqghod u marbu b'katina qasira. Huwa kompla jghid kif cemplu lil Stuart u dan qal li kien ilu ghandu bejn xahar u xahar u nofs, li l-kelb l-iehor ta' fuq il-bejn kien tieghu u li kien xtrah b'widnejh u denbu maqtughin. Saliba stqarr li r-rapport l-ghassa kien sar minhabba li l-klieb ma kienux iccipjati, widnejn u denb maqtughin, u li ghalkemm il-kundizzjoni tal-klieb infushom ma kinx fi stat hazin, dawn ma kienux mizmuma f'kundizzjoni tajba. Meta mistoqsi mid-difiza rigward ic-certifikat minghand il-veterinarju fuq denbu, dan stqarr li huwa qatt ma rah, u li ghalkemm kienu talbu lil Stuart jipprezentalhom certifikat mediku dan ma kienx tahulhom.

**Marisa Portelli** tghid li dakinhar tal-incident ircevew telefonata li 'pitbull' kien gidem lil xi hadd u li meta marru fuq il-post sabu lil omm Stuart u qaltilhom li sabitu xi erbat'ijiem qabel. Portelli saqsietha jekk ghamlitx rapport l-Ghassa minhabba l-fatt li jigi serq. Hija ziedet tghid li huma telghu fuq, sabu l-'pitbull' marbut b'cinga zghira wara l-bieb, talbu ghal aktar assistenza, dahlu gewwa, hargu l-kelb u marru jaghmlu r-rapport l-ghassa. Portelli stqarrret li Stuart kien qal li l-kelb kien ilu xahar u nof ghandu u sabu b'widejnh maqtughin. Hija kompliet tghid li talbu certifikat ghal fatt li l-kelb kien gidem lil xi hadd u dan qatt ma wasal. Barra minn hekk, Portelli insisiet ma omm Stuart biex jghidu l-verita rigward il-kelb. Meta mistoqsija mill-prosekuzzjoni rigward x'irrapurtaw l-ghassa, hija wiegbet li kien sar rapport falz fuq il-kelb.

**Stuart Piscopo** stqarr li huwa kien sab kelb mitluq 'pitbull' fi Triq il-Kapuccini u gabru ghandu. Huwa zid jghid li dan kien gidmu u kien mar ghand tal-'Animal Welfare' u t-tfajla tieghu kienet marret ghand il-kbir tal-'Animal Welfare' certu Conrad, li izda ma wegibha xejn. Piscopo kompla jghid li umbaghad kien prova jahtaf lit-tfajla tieghu, mar izommu u dar ghal idu u kellhom joperawh darbtejn. Huwa zid jghid li kien rega mar ghand Conrad u minnhekk ha passi, mar ukoll l-Ghassa ta' Hal Luqa, pero dawn qalulu li ma kellhomx x'jaqsmu, u mar ghand tal-'Animal Welfare' fejn Marisa qaltlu li ahjar jaddottah. Piscopo kompla jghid kif wara li tah ghal addozzjoni cemplulu mill-Ghassa ta' Bormla sabiex jerga jmur ghalih ghax kien hataf lil mara ta' min addottah, u li umbaghad kien hadu fir-razzett ta' habib tieghu u kien imur jaghlfu kuljum. Huwa stqarr li kellu widnejh maqtughin meta sabu u li l-kelba l-ohra kien xtraha b'widnejha kropjati u kellha denbha miksur, li filfatt wara li Saliba qal li denbha kien maqtugh kien mar ghand il-vet biex jaghmillu certifikat li twieldet bih. Meta mistoqsi, Piscopo ikkonferma li hu kemm-darba mar jilmenta mal-Animal Welfare u anke l-Ghassa, li izda ma hadux passi, u li l-Vet kien qallu li kelba b'sahhtu ma jraqqduhx. Piscopo esebixxa 'case summary', dokument ta' preskrizzjoni tal-medicini, sett ritratti tal-griehi li garrab u zewg ritratti tal-klieb. Huwa stqarr li l-kelba 'pitbull' l-ohra li kellu, kien taha ghall-addozzjoni. Meta mistoqsi, Piscopo ikkonferma li huwa kien imur l-'Animal Welfare' l-ufficju biex jaghmel ir-rapporti li kien qed jaghmel ghalih il-kelb u kien kellek lill-kbir taghhom, 'Conrad', izda qatt ma hadu azzjoni hlief meta operawh.

**Rodricka Cini,** tghid li hija l-'partner' ta' Stuart Piscopo, u li kienu marru dawra u raw kelb maghlub abbandunat fi Triq il-Kapuccini, il-Kalkara, u haduh maghhom id-dar, izda wara xahar beda jaghmel ghalihom u s-sid keccihom minhabba li beda jaghmel l-istorbju u jdejjaq lin-nies. Hija kompliet tghid li umbaghad il-kelb kienu haduh ghand omm Stuart, kien hatafha u tal-'Animal Welfare' qalulhom biex jatuh ghall-addozzjoni. Hija kompliet tghid li wara erbat'ijiem kienu cemplulhom mill-ghassa li kien hataf lill-mara u Cini kienet marret tghid lil tal-'Animal Welare' pero' din kienet qaltilha li ma tista' taghmel xejn la l-kelb b'sahhtu. Hija stqarret li anke kelmitu 'Facebook' u ma hax passi. Cini kompliet tghid li kienu poggewh fil-kamra ta' sieheb Stuart, izda darba hatfu u fi zmien gimgha kellu zewg operazzjonijiet. Meta mistoqsija, hija nnegat li dan il-kelb gabitu biex tghammar, izda biss ghal kumpanija tal-kelba l-ohra. Cini kkonfermat ukoll li din il-kelba kellha difett fuq denba li izda kellhom ic-certifikat tal-vet.

## Ikkunsidrat:
## Il-Fatti tal-Kaz

Ufficjali tal-Animal Welfare kienu rcevew telefonata li kien hemm kelb gewwa l-Isla li kien gidem xi nies. Meta marru fl-indirizz indikat sabu lil Rita Amos li tigi omm l-imputat sabu kelb tar-razza pitbull marbut ma' bieb b'katina qasira u b'widnejh maqtughin. Meta pruvaw jaqbduh dawn ma setghux ghax kien feroci. Meta rnexxielhom jaqbduh raw li kien hemm kelb iehor fl-istess residenza u ma sabu xejn hazin. Waqt li meta telghu fuq il-bejt nnutaw kelba zghira fejn kienet marbuta b'habel qasir u kellha widnejha u denbha maqtughin u kellha l-kennel taghha zghira fejn lanqas ilma u ikel ma kellha.

Illi skont ma' qal l-imputat dakinhar lill-ufficjali tal-Animal Welfare, li huwa kien sab il-kelb jiggerra u hadu hu. Ghalkemm kien ghamel avviz fuq il-facebook sabiex jinfurma min seta' tilef dan il-kelb hadd ma kien

kelmu. Illi waqt li fil-kaz tal-kelba l-ohra li kellha windejha u denba maqtughin, qal li kellha difett meta twieldet u ghalhekk denbha kien maqtugh.

**Ikkunsidrat**
**L-akkuzi taht l-Artikolu 334 u 334A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**
Illi l-imputat qieghed iwiegeb ghal diversi akkuzi u fosthom hemm dawk taht l-artikolu 334 u 334A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-artikolu 334 jitkellem fuq ir-reat tar-ricetazzjoni waqt li l-artikolu 334A jitkellem fuq meta persuna jigi fil-pussess ta' oggetti li gejjin minn xi reat u ma jinfurmax lill-Pulizija fi zmien gimgha. Illi f'dawn iz-zewg artikoli tal-Ligi ghandhom in komun dawn l-elementi:

*"tkun ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat."*

Illi rigward l-artikolu 334 titkellem fuq ix-xjenza waqt li fl-artikolu 334A jitkellem fuq malli ssir taf li l-oggett ikun *"ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat".* Illi ghalhekk sabiex f'dan il-kaz jissussistu dawn ir-reati trid tingieb il-prova li kien hemm reat iehor u cioe' serq, qerq jew akkwistata b'reat. Illi mill-provi migjuba ma tressqet l-ebda prova li tindika li dan il-kelb kien gie misruq minn ghand xi hadd, jew mehud b'qerq jew akkwistat b'xi reat. Illi anki jekk kien il-kaz li kien jappartjeni lil xi hadd, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq bhala xhud sid il-kelb u jghid kif wasal dan il-kelb ghand persuna ohra li mhux sidu. Illi jidher li dan il-kelb ma kellux cippa u lanqas ma kien hemm rapport minn naha tal-Pulizija li dan il-kelb kien gie misruq jew li kien hemm xi reat iehor.

Illi dan l-element huwa essenjali, fost ohrajn, sabiex il-prova tar-ricetazzjoni u dak li hemm fl-artikolu 334A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jigi pruvat. Illi ladarba ma kienx hemm il-prova li dan il-kelb kien suggett ta' forma ta' reat, allura din il-Qorti ma tistax issib htija taht dawn l-akkuzi li qieghed iwiegeb ghalihom. Illi jidher li l-akkuza li kellha tinhareg kellha tkun dik ta' natura kontravenzjonali u cioe' l-artikolu 340 (1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm tibqa' s-sitwazzjoni min kien sid il-kelb li tilfu. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija taht dak li hemm fl-artikolu 334 u 334A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-Akkuza taht l-artikolu 3(1) tal-Kap 312 tal-Ligijiet ta' Malta.**
Illi l-imputat huwa akkuzat illi zamm il-klieb minghajr licenzja tal-pulizija. Illi l-ligi tispecifika illi tali licenzja hija mehtiega ghal klieb li ghandhom iktar minn sitt xhur. Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta kemm ghandhom eta' l-klieb mertu ta' dina l-kawza. Illi hadd mix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ma semma kemm ghandhom zmien dawn il-klieb. Illi ghalkemm l-imputat xehed f'dawn il-proceduri, huwa semma li kelb minnhom kien ilu ghandu erba' xhur biss meta sab it-tieni wiehed. Illi ghalkemm gie esebit ritratt tal-kelb ma hemm ebda indikazzjoni tal-eta' tieghu u l-Qorti ma tistax tassumi l-eta' tal-kelb. Illi lanqas tresqet prova dwar it-tieni kelb jekk fil-fatt kemm kellu zmien il-kelb li kellu widnejh u denbu maqtughin. Illi l-imputat ma rrilaxxax stqarrija u ghalhekk ma hemmx indikazzjoni dwar jekk dawn il-klieb ezatt meta kienu jghixu mieghu u jekk fl-affermattiv kemm kienu ilhom jghixu meghu, u kif akkwisthom. Hawnhekk ukoll allura il-provi huma ferm fjakki u l-imputat ser jigi ukoll illiberat minn dina l-akkuza.

**L-akkuzi taht l-Artikolu 8 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta**
Illi l-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi: *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.* Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 gie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittiehdu minn min ikun qed jiehu hsieb annimal biex jizgura illi kull annimal ikollu kull ma jinhtieg, inkluz ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Legislatur ried jiccara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas taghhom jistgħu indubjament iwasslu ghat-tbatija, mard jew ugiegh tal-annimal mizmum. Il-piena għal dan ir-reat giet regolata mill-artikolu 45 tal-istess Att.

Illi l-artikolu 2 tal-Att taghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-mohqrija fejn jinghad illi: "*moħqrija*", fir-rigward ta' annimal, tfisser li *ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa*;

Illi annimal jista' jigi mgieghel isofri ugiegh, tbatija, jew dwejjaq bla bzonn jew li jigi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi titfghu barra fit-triq, jew tabbandunah milli jinghata ikel mhux adegwat u xorb ghalih. Illi jista' wkoll jghaddu minn swat u ggieghlu jbati wgiegh jew li ma jinghatx kura.

Illi x'hin il-Qorti analizzat il-provi migjuba u dan minn dak li qalu l-istess ufficjali tal-animal welfare semmew biss li meta telghu hdejn il-kelb beda jaghmel ghalihom ghax kien aggressiv hafna. Sabuh marbut b'katina li skont huma kienet qasira. Illi anki kien hemm ukoll kelb minnhom li kellu widnejh u denbu maqtughin (rigward id-denb ingieb certifikat li kellu difett meta twieled) u li ma kellux xelter adegwat. Illi ma ngiebet ebda prova li dawn l-annimali kienu qieghdin jigu mahqura u mizmuma fi stat hazin tant li kellhom griehi ta' swat, nuqqas ta' piz jew affarijiet ohra li jindikaw li kienu gew abbandunati. Illi hadd mill-Veterinarji ma gie msejjah fuq il-post sabiex jigu ezaminati dawn il-klieb halli jixhed fuq dak li ra dwar is-sahha fizika taghhom.

Illi jidher mix-xhieda mghotija stess kemm mill-imputat u mill-membri tal-Animal Welfare li l-kelb kien aggressiv tant li l-imputat sofra griehi gravi f'idejh b'rizultat ta' gdim fejn kellu jigi operat. Illi l-istess membri tal-Animal Welfare qalu li damu biex jikkontrollaw il-kelb minhabba l-aggressivita tieghu. Dan jindika ukoll li l-kelb la kien marid u lanqas mghaxxex minhabba dieta nhux adegwata. Illi mill-istess provi ma jirrizultax li kien hemm mohqrija tal-klieb. Illi ma jidhirx mill-provi li kien hemm xi att jew ommissjoni li b'hekk wassal sabiex il-kelb kien qieghed isofri xi ugieh jew tbatija. Huwa fatt skont ma qalu l-istess ufficjali tal-Animal Welfare li ghalkemm wiehed mill-klieb kien marbut b'katina qasira u ma kellux xelter adegwat u ilma ma rrizultax jekk il-kelb kienx qed ibati minn xi marda b'rizultat ta' tbatija. Illi lanqas jista' jinghad li l-ebda prova dwar il-kompetenza tal-Ufficjali tal-Animal Welfare rigward jekk il-kelb kienx iddisprat kagun tal-mod kif kien qieghed izommu l-imputat. Illi ghalhekk ix-xhieda taghhom ma hiex bizzejjed stante li ma tikkostitwixxix l-ahjar prova kif rikjest fil-kamp kriminali. Illi ghalkemm l-ufficjali tal-Animal Welfare qalu li l-kelb kellu widnejh maqtugha, f'dan il-kaz ma nhargitx akkuza ghal dak li hemm fl-artikolu 9 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi konsegwentament ma tistax tinstab htija tar-raba' u tal-hames akkuza.

**Decide:**

Ghal dawn l-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 334, 334A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1) tal-Kap 312 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 8 (1) (2) u (3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx hati lill-imputat **Stuart Piscopo** tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnhom

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**